(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta' perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta' periklu jew il-kategoriji ta' periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b'hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma' dik is-sustanza jew ma' dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta.	(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta' perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta' periklu jew il-kategoriji ta' periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b'hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma' dik is-sustanza jew ma' dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta. ***Minħabba l-ħafna forom differenti ta' reklamar, il-forniturijenħtieġ li jiġu pprovduti grad ta'***

flessibbiltà dwar kif din l-informazzjoni jenħtieġ li titwassal fir-reklami.

Or. en

Emenda 149
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta' perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta' periklu jew il-kategoriji ta' periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b'hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli	(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta' perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta' periklu jew il-kategoriji ta' periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b'hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli

assoċjati ma’ dik is-sustanza jew ma’ dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta.	assoċjati ma’ dik is-sustanza jew ma’ dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta. ***Minħabba l-ħafna forom differenti ta’ reklamar, il-forniturijenħtieġ li jiġu pprovduti grad ta’ flessibbiltà dwar kif din l-informazzjoni jenħtieġ li titwassal fir-reklami.***
	Or. en

Emenda 150
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta’ perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta’ periklu jew il-kategoriji ta’ periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b’hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku	(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta’ perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta’ periklu jew il-kategoriji ta’ periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b’hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku

ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma' dik is-sustanza jew ma' dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta.

ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma' dik is-sustanza jew ma' dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ ***jindika l-pittogrammi tal-periklu u l-kliem bħala sinjal, u*** jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu ***kollha*** mit-tikketta.

Or. en

Emenda 151
Silvia Sardone, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Roberto Vannacci, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa klassijiet ta' periklu ġodda li għadhom ma ġewx adottati fil-livell tan-NU, b'mod partikolari sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali (ED), sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT), sustanzi persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna (vPvP), sustanzi persistenti, mobbli u tossiċi (PMT), u sustanzi persistenti ħafna u mobbli ħafna (vPvM). Dawn il-klassijiet ta' periklu qed jiġu diskussi bħalissa fil-qafas tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u t-Tikettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) tan-NU li tikkostitwixxi s-sistema rikonoxxuta fuq livell internazzjonali għall-armonizzazzjoni globali tal-kriterji dwar il-klassifikazzjoni

ta' periklu. Filwaqt li jitqies li l-Unjoni jenħtieġ li żżomm lura milli timplimenta dawn il-klassijiet ta' periklu qabel l-adozzjoni formali tagħhom fil-livell tan-NU, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/707 jenħtieġ għalhekk li jitħassar, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-armonizzazzjoni regolatorja globali u jiġi prevenut it-telf potenzjali tal-kompetittività għall-industrija tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 152
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li ***jintuża*** l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza***,*** ***speċjalment*** f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw ***biss*** id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li ***dak ir-Regolament jiġi emendat biex jiġi żgurat*** l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.
[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p.	[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p.

1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. en

Emenda 153
Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq ***għal min jirreklama*** li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI:

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. en

Emenda 154
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq ***għal min jirreklama*** li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluży biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluży li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI:

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. en

Emenda 155
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluż biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluż li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq ***għal min jirreklama*** li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikoluż biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikoluż li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. en

Emenda 156
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li ***jintuża l-istess rekwiżit*** għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq ***għal min jirreklama*** li ***tintuża dikjarazzjoni simili*** għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet fejn is-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dikjarazzjoni ġenerali, kif meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 528/2012, uriet li hija effettiva fil-komunikazzjoni ta' perikli tal-prodott fejn l-elementi tat-tikketta ma jkunux disponibbli fil-punt tax-xiri. Għalhekk, min jirreklama għandu jintuża l-kliem "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah" f'din il-forma eżatta, filwaqt li jiġu evitati l-varjazzjonijiet u tiġi prevenuta d-duplikazzjoni bejn ir-rekwiżiti tas-CLP u l-formulazzjoni tar-Regolament stabbilit dwar il-Prodotti Bijoċidali.

Emenda 157
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa l-possibbiltà li ċerti elementi ta' ttikkettar jiġu inklużi fit-tikketta diġitali biss. Sabiex jiġi żgurat użu usa' tat-teknoloġija u sabiex ikun jista' jkun hemm approċċ aktar sempliċi u flessibbli għall-ittikkettar, il-forniturijenħtieġ li jitħallew iqiegħdu d-dettalji ta' kuntatt ta' kwalunkwe fornitur addizzjonali fuq it-tikketta diġitali biss. L-inklużjoni tal-kuntatt diġitali tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta' kuntatt tal-forniturijiġu pprovduti fit-tikketta diġitali.	(12) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa l-possibbiltà li ċerti elementi ta' ttikkettar jiġu inklużi fit-tikketta diġitali biss. Sabiex jiġi żgurat użu usa' tat-teknoloġija u sabiex ikun jista' jkun hemm approċċ aktar sempliċi u flessibbli għall-ittikkettar, il-forniturijenħtieġ li jitħallew iqiegħdu d-dettalji ta' kuntatt ta' kwalunkwe fornitur addizzjonali fuq it-tikketta diġitali biss. L-inklużjoni tal-kuntatt diġitali tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta' kuntatt tal-forniturijiġu pprovduti fit-tikketta diġitali. ***Sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' kuntatt rapidu li huwa essenzjali f'ċerti sitwazzjonijiet bħal f'każijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li l-preżenza ta' kuntatt diġitali ma teskludix l-għoti ta' numru tat-telefon.***

Or. en

Emenda 158
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ċerti kontenituri tekniċi (≤ 150 ml), bħal kartriġis tal-inkjet (fornuti fl-imballaġġ ta' barra u ddisinjati biex jiġu installati f'apparat minn konsumatur jew utent professjonali), huma parti minn sistema usa' u għandhom erja li tista' tintuża limitata ħafna għall-ittikkettar u ma jistgħux jibbenefikaw mill-opzjoni tat-tikketti li jintwew li tippermetti soluzzjonijiet multilingwi. F'dawn il-każijiet, il-forniturijenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketta f'konformità mal-Anness I, it-taqsima 1.5.2.5a.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deroga proposta tapplika għal kontenituri tekniċi żgħar, bħal kartriġis tal-printer tal-inkjet iżgħar minn l50 ml. Informazzjoni sħiħa tas-CLP dwar il-perikli tiġi pprovduta fuq l-imballaġġ ta' barra. Minħabba li l-kartriġis u l-printers huma ddisinjati biex jaħdmu bħala sistema waħda, hemm spazju limitat ħafna għat-tikketti fuq il-kartriġ, u t-tikketti li jintwew ma jistgħux jintużaw peress li jinterferixxu mal-installazzjoni u l-operat. Bħala riżultat, il-kartriġis ma jistgħux jakkomodaw tikketti tas-CLP multilingwi.

Emenda 159
Nikola Minchev, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12a) Ċerti kontenituri tekniċi, bħall-kartriġis tal-printer tal-inkjet u tat-toner, għandhom biss erja tal-wiċċ limitata għall-ittikkettar. L-użu ta' tikketti li jintwew mhuwiex fattibbli, u l-ittikkettar mhux korrett jista' jirriżulta fi ħsara lill-kartriġ jew lit-tagħmir. F'dawn il-każijiet, il-fornituri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketta f'konformità mat-taqsima 1.5.2.5a tal-Anness I.

Or. en

Emenda 160
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-fornituri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti b'dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni differita ta' dawn id-dispożizzjonijiet.	(14) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-fornituri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti b'dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni differita ta' dawn id-dispożizzjonijiet ***u l-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jinkoraġġuhom jagħmlu dan***.

Or. en

Emenda 161
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jimponi rekwiżiti stretti ħafna għar-reġistrazzjoni , il-valutazzjoni tas-sikurezza u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni tal-prodott. Filwaqt li dawn ir-rekwiżiti huma importanti għas-sikurezza tal-konsumatur u t-trasparenza tas-suq, ħafna drabi jsiru ostaklu sinifikanti għal produtturi domestiċi żgħar u artiġjani li jridu jipproduċu u jikkummerċjalizzaw legalment prodotti kożmetiċi organiċi magħmula bl-idejn u kompletament naturali. Tali rekwiżiti jillimitaw b'mod sinifikanti l-opportunitajiet għall-produtturi żgħar u artiġjanali li jiżviluppaw u joffru l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi, filwaqt li joħolqu mhux biss kundizzjonijiet mhux favorevoli għan-negozju, iżda wkoll telf għall-kultura lokali, is-sostenibbiltà tar-riżorsi naturali u d-diversità ekonomika.

Or. en

Emenda 162
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Minħabba r-rwol essenzjali tas-sistema endokrinali tul l-iżvilupp tal-bniedem, l-esponiment għas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali tul il-perjodi kritiċi tal-iżvilupp, bħall-ħajja perinatali, it-tfulija u l-pubertà jista' jwassal għal effetti avversi anke f'dożi baxxi ħafna u jaffettwa s-saħħa fi stadju aktar tard tal-ħajja. L-użu tal-prodotti kożmetiċi jista' jwassal għal esponiment dirett u fit-tul. Minħabba r-riskji speċjali li s-sustanzi kklassifikati bħala sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali għall-kategorija tas-

saħħa tal-bniedem 1 skont il-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jistgħu jinvolvu għas-saħħa tal-bniedem, jenħtieġ li jkun ipprojbit l-użu tagħhom fi prodotti kożmetiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Endocrine disrupters for human health pose a special threat to human health. Already in 2012, WHO and UNEP considered them a global threat, see https://wedocs.unep.org/rest/api/core/bitstreams/0561a697-6b8e-4c8f-a724-7bab3e18c953/content They can have serious and irreversible adverse effects during critical periods of development at very low levels of exposure. In the context of REACH, they are considered to be of equivalent concern to CMR substances. CMR substances are prohibited in cosmetics since 2003. It is long overdue that the same prohibition applies to endocrine disruptors. This is further corroborated by the Union ban of endocrine disrupters for human health in toys (adopted last year). The same should be done for cosmetics, given in particular the high exposure that can be created by cosmetic products.

Emenda 163
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura li l-prodotti għall-konsumatur, inklużi l-kożmetiċi, ma jkunx fihom sustanzi kimiċi li jikkawżaw il-kanċer jew mutazzjonijiet tal-ġeni, jew li jaffettwaw is-sistema riproduttiva jew is-sistema endokrinali, jew ikunu persistenti u bijoakkumulattivi.

Or. en

Emenda 164
Inese Vaidere

Proposta għal regolament

Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Ir-Regolament 1223/2009 ma jipprevedix każijiet fejn l-intraprendituri individwali jew l-istartups qed jużaw prodotti naturali u qed iħejju estratti, maċerati, ingwenti u idrolati minnhom - prodotti li għandhom valur għoli fil-kultura lokali u jikkontribwixxu għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Is-sistema regolatorja attwali ma tippermettix li dawn l-estratti tradizzjonali u l-prodotti artiġjanali jintużaw faċilment fil-produzzjoni tal-kożmetiċi u jinbiegħu fis-suq legali iżda tirrikjedi valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott bir-reqqa, għalja u li tieħu ħafna żmien, inklużi testijiet tal-laboratorju, li ħafna drabi mhumiex finanzjarjament affordabbli għal manifatturi żgħar; tirrikjedi reġistrazzjoni sħiħa tal-prodott fuq il-Portal ta' Notifika tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP) tal-Kummissjoni Ewropea bid-dokumentazzjoni kollha u l-ittestjar kollu; tirrikjedi rekwiżiti stretti ta' GMP (Prassi Tajba ta' Manifattura) u rekwiżit għal servizzi esperti li mhumiex xierqa u prattiċi għall-produzzjoni artiġjanali u fuq skala żgħira;

Or. en

Emenda 165
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Is-sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali huma dejjem aktar marbuta ma' mard li jaġixxi permezz tas-sistema ormonali. L-użu tagħhom jirrappreżenta riskju serju għas-saħħa tal-

bniedem kif ukoll joħloq kost ekonomiku għas-soċjetà. Billi l-ormoni jikkontrollaw l-iżvilupp u t-tkabbir tal-moħħ, l-esponiment għal sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali matul l-iżvilupp tal-fetu u l-pubertà jista' jwassal għal effetti irriversibbli, bi whud minnhom jiġu identifikati biss ħafna snin wara. B'mod partikolari, id-disturbi relatati mas-sistema endokrinali għandhom impatt fuq il-funzjonament tat-tirojde, is-sistema immunitarja, is-sistema riproduttiva u l-metaboliżmu ġenerali tal-bniedem. Jenħtieġ li l-kożmetiċi ma jkunx fihom sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali.

Or. en

Emenda 166
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 15c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15c) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) jikkostitwixxu grupp kbir ta' aktar minn 10 000 sustanza kimika sintetika. Minn mindu ġew introdotti għall-ewwel darba fl-aħħar tas-snin 40, il-PFAS intużaw dejjem aktar f'varjetà wiesgħa ta' prodotti għall-konsumaturi. L-esponiment għall-aktar PFAS studjati b'mod estensiv intrabat ma' għadd kbir ta' effetti avversi fuq is-saħħa, inklużi mard tat-tirojde, ħsara fil-fwied, dijabete, effettività mnaqqsa ta' tilqim ta' rutina, u riskju akbar ta' kanċer tas-sider, tal-kliewi u tat-testikoli. Jenħtieġ li l-kożmetiċi ma jkunx fihom sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS).

Or. en

Emenda 167
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***3 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tipproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.	(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***xahar*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tipproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission makes annual updates of CLP based on the latest RAC opinions with regard to CLP classifications. The updates take on average 18 months until they enter into force, and another 18 months until they are applicable. The Commission normally follows the RAC opinions, which are publicly available. It makes sense to link the deadline to the date of entry into force of the classification. However, given the current working methods, companies already had on average at least 18 months to prepare a derogation from the date of adoption of the RAC opinion. Thus derogations can be submitted very quickly after the entry into force of the classification.

Emenda 168
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***3 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tippproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.	(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***xahar*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tippproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.

Or. en

Emenda 169
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***3 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tippproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni	(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***6 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju li tippproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-pubbliku diversi xhur qabel ma l-Kummissjoni

ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.	ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija biżżejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under the CPR, the classification of a substance as CMR under the CLP leads to a rapid prohibition in cosmetic products, leaving insufficient time for industry to prepare a defence dossier. The Commission proposal allows continued use where a derogation request is submitted within a defined timeframe. Extending this period to six months is therefore essential to enable companies, including SMEs, to assess the classification, gather relevant data, define the uses to be defended and prepare robust, evidence-based dossiers, thereby ensuring a more proportionate and predictable regulatory framework.

Emenda 170
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Il-projbizzjoni tal-użu tas-sustanzi CMR fi prodotti kożmetiċi jenħtieġ li tiġi applikata malajr kemm jista' jkun. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jingħata biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat jekk humiex issodisfati l-kriterji għal deroga. Il-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kriterji tad-deroga tirrikjedi konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet multipli. Il-valutazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) tas-sikurezza tas-sustanza għas-saħħa tal-bniedem tirrikjedi 9 xhur, filwaqt li l-valutazzjoni tal-konformità ma' kriterji tad-deroga oħra tirrikjedi konsultazzjonijiet ma' esperti u diskussjonijiet mal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija kkonċernati. Ladarba l-abbozz ta' miżura jitħejja mill-Kummissjoni, dan ikun soġġett għal notifika skont il-proċedura tal-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) tad-WTO għal minimu ta' xahrejn. L-abbozz ta' miżura tal-Kummissjoni jaqa' taħt l-iskrutinju obbligatorju mill-

Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jdum 3 xhur, qabel l-adozzjoni finali u l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. L-analiżi tal-issodisfar tal-kriterji tad-deroga u l-passi sekwenzjali obbligatorji li jridu jiġu segwiti mill-Kummissjoni waqt l-adozzjoni ta' miżura regolatorja jirrikjedu li jingħata biżżejjed żmien lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-miżura mis-sottomissjoni tat-talba għal deroga, mingħajr ma jkun permess xi dewmien bla bżonn.

(Test bħal fil-mandat tal-Kunsill, b'tibdil biss fl-iskeda ta' żmien għal opinjoni tas-SCCS)

Or. en

Ġustifikazzjoni

The top priority is that cosmetic products are safe. As such, the prohibition of CMR substances needs to be applied as fast as possible. Nine months are enough for the work of the SCCS. When it comes to the safety of nanomaterials, it has to give an opinion in six months in current legislation. The SCCS will be shifted to ECHA in the context of the ECHA Basic Regulation. At ECHA, work that is comparable to that of the SCCS is done by the Risk Assessment Committee (RAC). RAC has nine months to prepare opinions on restrictions of chemicals. Such restrictions can have very broad scope. A scientific opinion on the safety of a specific CMR substance in cosmetics is rather limited in comparison. It is therefore difficult to see why the SCCS should have more time for such opinions as compared to RAC for chemical restrictions. It is appropriate to align the timeline for the SCCS to that for RAC. The Commission should enact the restrictions as swiftly as possible without undue delays.

Emenda 171
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Il-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kriterji tad-deroga tirrikjedi konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet multipli. Il-valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) tas-sikurezza tas-sustanza għas-saħħa tal-bniedem

tirrikjedi minimu ta' 12-il xahar, filwaqt li l-valutazzjoni tal-konformità ma' kriterji tad-deroga oħra tirrikjedi konsultazzjonijiet ma' esperti u diskussjonijiet mal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija. Ladarba l-abbozz ta' miżura jitħejja mill-Kummissjoni, dan ikun soġġett għal notifika skont il-proċedura tal-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) tad-WTO għal minimu ta' xahrejn. L-abbozz ta' miżura tal-Kummissjoni jaqa' taħt l-iskrutinju obbligatorju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jdum 3 xhur, qabel l-adozzjoni finali u l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. L-analiżi tal-issodisfar tal-kriterji tad-deroga u l-passi sekwenzjali obbligatorji li jridu jiġu segwiti mill-Kummissjoni waqt l-adozzjoni ta' miżura regolatorja jirrikjedu li jingħata biżżejjed żmien lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-miżura mis-sottomissjoni tat-talba għal deroga.

Or. en

Emenda 172
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta' tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi*** xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma	(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta' tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati ***mingħajr ma jitbaxxa l-livell għoli tas-saħħa tal-bniedem u, is-sikurezza u l-protezzjoni tal-konsumatur***, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***hija kuntrarja għall-iżviluppi*** xjentifiċi u tekniċi li jippermettu

jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***ma ssaħħaħx*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.

l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. ***F'dak il-mument, din il-kundizzjoni ġiet introdotta bħala kriterju ta' twettiq ta' rwol ta' gwardjan biex jitnaqqas l-għadd ta' sustanzi CMR fil-prodotti kożmetiċi u bħala kontribut għall-iżgurar li l-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) għandu l-kapaċità li jwettaq id-dmirijiet tiegħu.*** Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***mhux neċessarjament issaħħaħ*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.

Or. en

Emenda 173
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta' tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***mhijiex*** kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. ***Il-konformità*** mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***ma ssaħħaħx*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-	(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta' tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***tista' ma tkunx*** kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. ***Huwa possibbli li l-konformità*** mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***mhux dejjem issaħħaħ*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li ***tiġi kkunsidrata***

kundizzjoni ***titħassar***.	***mill-ġdid l-applikazzjoni ta'*** din il-kundizzjoni***, filwaqt li ssir ħidma lejn is-sikurezza massima possibbli għall-konsumaturi minn prodotti kożmetiċi li fihom sustanzi CMR jew sustanzi li jaffettwaw is-sistema endokrinali tagħhom***.

Or. en

Emenda 174
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ***ta' tali sustanzi*** fil-prodotti kożmetiċi ***jenħtieġ li jiġu ssimplifikati,*** u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li ***jiġi stabbilit*** f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ma ssaħħaħx is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.	(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ***tas-sustanzi CMR u s-sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali*** fil-prodotti kożmetiċi u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti*** f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ma ssaħħaħx is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.

Or. en

Emenda 175
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***speċifikati*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li ***l-użu ta'*** sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali*** mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ***u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li ***jkun possibbli wkoll li*** jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***deskritti*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari***, il-kriterju ewlieni biex jiġi kkonfermat l-użu sikur ta' sustanza fil-kożmetiċi huwa l-valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), valutazzjoni tossikoloġika kompleta li tqis ir-rotot kollha ta' esponiment. Din tipprovdi għarfien xjentifiku robust addizzjonali li jistabbiliha bħala opzjoni sikura u ppreferuta għall-konsumatur. Barra minn hekk***, jenħtieġ li jiġi previst li ***kwalunkwe*** sustanza alternattiva ***meqjusa biex tissostitwixxi l-ħtieġa ta' sustanza kklassifikata għandha riskju*** mnaqqas ***b'mod dimostrabbli*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***. Is-sustanza alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi ***l-istess*** funzjoni ***u l-istess livell ta' effikaċja u prestazzjoni***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs ***biex tippermetti produzzjoni sostnuta***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. ***B'mod partikolari, biex tiġi vvalutata l-fattibbiltà ekonomika,*** jenħtieġ li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 176
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***speċifikati*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li ***l-użu ta'*** sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali*** mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ***u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li ***jkun possibbli wkoll li*** jitqiesu ***l-aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***deskritti*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari***, il-kriterju ewlieni biex jiġi kkonfermat l-użu sikur ta' sustanza fil-kożmetiċi huwa l-valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) - valutazzjoni tossikoloġika kompleta li tqis ir-rotot kollha ta' esponiment. Din tipprovdi għarfien xjentifiku robust addizzjonali li jistabbiliha bħala opzjoni sikura u ppreferuta għall-konsumatur. Barra minn hekk***, jenħtieġ li jiġi previst li ***kwalunkwe*** sustanza alternattiva ***meqjusa biex tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza kklassifikata għandha riskju*** mnaqqas ***b'mod dimostrabbli*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi ***l-istess*** funzjoni ***u l-istess livell ta' effikaċja u prestazzjoni***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs ***biex tippermetti produzzjoni sostnuta***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. ***B'mod partikolari, biex tiġi vvalutata l-fattibbiltà ekonomika,*** jenħtieġ li jitqiesu ***aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 177
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***speċifikati*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li ***l-użu ta'*** sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali*** mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ***u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li ***jkun possibbli wkoll li*** jitqiesu ***l-aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***deskritti*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari***, il-kriterju ewlieni biex jiġi kkonfermat l-użu sikur ta' sustanza fil-kożmetiċi huwa l-valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) - valutazzjoni tossikoloġika kompleta li tqis ir-rotot kollha ta' esponiment. Din tipprovdi għarfien xjentifiku robust addizzjonali li jistabbiliha bħala opzjoni sikura u ppreferuta għall-konsumatur. Barra minn hekk***, jenħtieġ li jiġi previst li ***kwalunkwe*** sustanza alternattiva ***meqjusa biex tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza kklassifikata għandha riskju*** mnaqqas ***b'mod dimostrabbli*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi ***l-istess*** funzjoni ***u l-istess livell ta' effikaċja u prestazzjoni***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs ***biex tippermetti produzzjoni sostnuta***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. ***B'mod partikolari, biex tiġi vvalutata l-fattibbiltà ekonomika,*** jenħtieġ li jitqiesu ***aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 178

Raúl de la Hoz Quintano, Dolors Montserrat, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Pablo Arias Echeverría

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ***ġenerali*** mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, ***il-bażi primarja biex jiġi stabbilit l-użu sikur ta' sustanza fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li tkun valutazzjoni xjentifika tar-riskju mwettqa mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), abbażi ta' evalwazzjoni tossikoloġika kompleta li tkopri r-rotot rilevanti kollha ta' esponiment. Din il-valutazzjoni tipprovdi pedament xjentifiku robust biex is-sustanza titqies bħala sikura u xierqa għall-konsumaturi.*** Jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju mnaqqas ***b'mod dimostrabbli*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 179
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza*** jenħtieġ li ***tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk,*** jenħtieġ li ***l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima.*** Jenħtieġ li ***jkun possibbli wkoll li*** jitqiesu ***l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi***.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva***, kombinazzjoni ta' sustanzi jew metodi alternattivi u teknoloġija li tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza*** jenħtieġ li ***jkun bla periklu għas-saħħa tal-bniedem u*** jenħtieġ li ***ma joħloqx riskji mhux aċċettabbli għall-ambjent***. Jenħtieġ ***ukoll*** li jitqiesu ***bir-reqqa s-saħħa u sikurezza okkupazzjonali, inkluża l-valutazzjoni tax-xenarji tal-esponiment tal-ħaddiema***.

Or. en

Emenda 180
Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li ***l-użu ta'*** sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju***	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari***, il-kriterju ewlieni biex jiġi kkonfermat l-użu sikur ta' sustanza fil-kożmetiċi huwa l-***

ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ***u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) - valutazzjoni tossikoloġika kompleta li tqis ir-rotot kollha ta' esponiment. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst li ***kwalunkwe*** sustanza alternattiva ***meqjusa biex tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza kklassifikata għandha riskju*** mnaqqas ***b'mod dimostrabbli*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 181
Heléne Fritzon, Christophe Clergeau, Adnan Dibrani, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li ***jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem u ***għall-ambjent u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew*** simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva***, kombinazzjoni ta' sustanzi, jew meta jkun rilevanti, teknoloġija alternattiva li tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza,*** jenħtieġ li ***jkun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem u jenħtieġ li ***l-alternattiva***

suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament ***fattibbli*** u ekonomikament ***vijabbli*** għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. ***Barra minn hekk,*** jenħtieġ li ***l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

tipprovdi funzjoni ***u livell ta' effikaċja*** simili fi prodott kożmetiku***, komparabbli mas-sustanza kklassifikata***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti ***jew x'aktarx li tkun disponibbli f'perjodu ta' żmien raġonevoli***, sabiex tkun tista' tkun teknikament u ekonomikament ***fattibbli*** għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Jenħtieġ li ***l-kunsiderazzjoni ta' alternattivi xierqa ma tkunx limitata għall-alternattivi li jipprovdu sostituzzjoni 1:1.*** L-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, ***jistgħu jitqiesu wkoll*** bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 182
Martin Hojsík, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li ***jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem u ***għall-ambjent u*** li ***s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti*** jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima***. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva ***jew kombinazzjoni ta' sustanzi*** jenħtieġ li ***jkun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem u li ***l-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***komparabbli*** jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs***.*** Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-

aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 183
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, Elisabeth Grossmann, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li ***jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem u ***għall-ambjent u*** li ***s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew*** simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament ***fattibbli*** u ekonomikament ***vijabbli*** għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti*** ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva***, kombinazzjoni ta' sustanzi, jew, meta jkun rilevanti, proċess alternattiv ta' produzzjoni li jissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza,*** jenħtieġ li ***jkun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem u li ***l-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***u livell ta' effikaċja*** simili fi prodott kożmetiku ***komparabbli mas-sustanza kklassifikata***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti ***jew x'aktarx li tkun disponibbli f'perjodu ta' żmien raġonevoli***, sabiex tkun tista' tkun teknikament u ekonomikament ***fattibbli anke*** għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. L-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, ***jistgħu jitqiesu wkoll*** bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 184
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku***, tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumatur***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 185
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari,	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari,

jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem ***u għall-ambjent u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew*** simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex ***tkun tista' tkun*** teknikament fattibbli ***u ekonomikament vijabbli*** għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. ***Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.***	jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva***, kombinazzjoni ta' sustanzi, jew meta jkun rilevanti, teknoloġija alternattiva li tista' tissostitwixxi sustanza CMR*** jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni simili ***u livell suffiċjenti ta' effikaċja*** fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, ***jew x'aktarx tkun disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli,*** sabiex ***l-użu tagħha jkun***teknikament fattibbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima.

Or. en

(Din l-emenda hija marbuta ma' diversi emendi mill-istess awtur għall-parti operattiva tat-test.)

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa għandha tiġi allinjata mat-tibdil propost fil-parti operattiva. Ma għandhiex tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li mhumiex fil-parti operattiva, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali.

Emenda 186
Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li ***jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li ***jkun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***,*** u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi ***l-istess***

tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew simili*** fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

funzjoni fi prodott kożmetiku, ***u jenħtieġ li*** tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Emenda 187
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***speċifikati*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ***u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ***ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima.*** Jenħtieġ li ***jkun possibbli wkoll li*** jitqiesu ***l-aspetti*** ekonomiċi***,*** bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni ***komparattiva*** għall-kostijiet ġenerali tal-	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***deskritti*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva ***li tissostitwixxi l-ħtieġa tas-sustanza, ikun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi***, l-istess*** funzjoni ***u l-istess livell ta' effikaċja u prestazzjoni***, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs ***biex tippermetti produzzjoni sostnuta***. ***Fil-valutazzjoni tal-fattibbiltà ekonomika,*** jenħtieġ li jitqiesu ***fatturi*** ekonomiċi ***rilevanti*** bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni ***relattiva ta' sustanza*** għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni ***fl-evalwazzjoni*** tal-

produzzjoni***, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi*** tal-adegwatezza tal-alternattivi.

adegwatezza tal-alternattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe deroga skont l-Artikolu 15(2) għandha tkun ibbażata primarjament fuq il-valutazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS) tas-sikurezza tas-sustanzi CMR f'użi kożmetiċi speċifiċi. Barra minn hekk, l-emenda tiċċara li alternattivi xierqa jridu jnaqqsu b'mod dimostrabbli r-riskju ġenerali, iwettqu l-istess funzjoni u prestazzjoni, ikunu teknikament fattibbli fl-iskala industrijali, ekonomikament vijabbli għal produzzjoni sostnuta, u ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet eżistenti jew imminenti.

Emenda 188
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-alternattivi, il-kliem "simili" u "komparabbli" jirreferu għall-alternattivi kollha possibbli disponibbli, u mhux biss għall-alternattivi li jipprovdu sostituzzjoni 1:1. "Teknikament fattibbli" jenfasizza li jrid ikun possibbli li tiġi applikata l-alternattiva bit-teknoloġiji u l-metodi ġeneralment disponibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi applikat kunċett wiesa' ta' alternattivi, mhux biss sostituzzjoni 1:1. Għandhom jiġu spjegati aħjar diversi termini fil-parti operattiva.

Emenda 189
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-alternattivi, l-applikant għandu juri li ma teżisti l-ebda sostituzzjoni 1:1 għall-ingredjent ikklassifikat. Fid-dawl tar-riformulazzjonijiet mifruxa u varjati li fihom l-ingredjent jirrikjedi sostituzzjoni, għandu jiġi applikat approċċ proporzjonat għall-oneru tal-provi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp ta' gwida biex jiġu promossi l-konsistenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjoni ta' alternattivi huwa milqugħ tajjeb. Madankollu, hija meħtieġa aktar kjarifika, peress li r-referenza għal "dawn it-termini" hija nieqsa mill-preċiżjoni. Barra minn hekk, il-gwida ma għandhiex tiġi limitata għall-ispjegazzjoni ta' kriterji għall-fattibbiltà u l-vijabbiltà ekonomiċi u tekniċi, iżda għandha tiċċara l-kundizzjonijiet applikabbli kollha.

Emenda 190
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha ***(jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti)***, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.

Or. en

Emenda 191
Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha ***(jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti)***, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.

Or. en

Emenda 192
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha ***(jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti)***, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.

Or. en

Emenda 193
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha ***(jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti)***, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-Premessa 19, it-tneħħija tat-test fil-parentesi telimina r-repetizzjoni f'dikjarazzjonijiet preċedenti fl-istess premessa.

Emenda 194
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed	(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed

jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha ***(jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti)***, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha, għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.

Or. en

Emenda 195
Idoia Mendia, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (CSS) appellat għas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-qafas legali dwar is-sustanzi kimiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni timpenja ruħha li ssaħħaħ ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 fir-rigward tar-riskji minn sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali. Sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali jistgħu jinterferixxu mal-funzjonament normali tas-sistema ormonali u ntrabtu, anke f'dożi baxxi, ma' effetti avversi fuq is-saħħa inklużi effetti fuq is-saħħa riproduttiva, disturbi metaboliċi, u impatti fuq l-iżvilupp. Minħabba n-natura diretta u ripetuta tal-esponiment għall-prodotti kożmetiċi, il-preżenza tas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li tiġi indirizzata b'mod speċifiku. Għal raġunijiet ta' konsistenza u biex jiġi żgurat l-istess livell għoli ta' protezzjoni f'kategoriji differenti ta' prodotti, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi estiż l-ambitu tal-projbizzjoni ġenerika fl-Artikolu 15 tar-

Regolament (KE) Nru 1223/2009 għal sustanzi kklassifikati bħala sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem, kategorija 1 u 2, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Or. en

Emenda 196
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Għalhekk, tali	***imħassar***

sustanzi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tikkontradixxi l-konklużjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumaturi (2001) u r-rakkomandazzjoni tiegħu biex jiġi pprojbit l-użu tas-sustanzi CMR kollha fil-prodotti kożmetiċi. Barra minn hekk, il-proposta twassal għal kumplessità u inċertezza miżjuda għall-produtturi tal-kożmetiċi, li jikkontradixxu n-natura unika ta' omnibus (li għandu l-għan li jikseb is-simplifikazzjoni), f'termini tal-Artikolu 15 u filwaqt li jiġu kkunsidrati u determinati r-rotot tal-esponiment.

Emenda 197
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-	***imħassar***

Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Għalhekk, tali sustanzi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 198
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukuża tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Għalhekk, tali sustanzi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	***imħassar***

Emenda 199
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukuża tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Għalhekk, tali sustanzi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew	***imħassar***

ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem thassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission proposal would effectively undo to the existing CMR ban in cosmetics for substances that are CMR by inhalation or by ingestion. Many cosmetics are inhaled (e.g. perfumes), and some may be ingested (e.g. tooth paste). Undoing such bans flies against the stated objective to maintain the same level of protection of human health (see Recital 2). The real but unstated motivation for the COM amendment is to create a lex specialis for ethanol in anticipation of a possible classification as CMR for oral use. However, the issue of ethanol has already been explicitly addressed in the recast of the Regulation in 2009. In the context of that recast, the possibility for a derogation from the CMR ban was introduced - explicitly to deal with a possible classification of ethanol. It is not acceptable that the Commission is now trying to tacitly insert a lex specialis for ethanol. In case of classification of ethanol as CMR, it should follow the same rules with regard to derogations as other substances.

Emenda 200
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008,	(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008,

fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu ***għar-rotta dermali*** tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). ***Għalhekk,*** tali sustanzi ***jenħtieġ li ma jkunux*** soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009***.*** ***Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi*** meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi ***u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009***.	fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot speċifiċi ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu ***għal rotta*** tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Tali sustanzi ***għadhom*** soġġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi ***li jirrikjedu dik ir-rotta speċifikata tal-esponiment, iżda jenħtieġ li jsegwu l-proċedura għas-CMR fil-kategorija 2 f'każ li tkun meħtieġa deroga u għalhekk ma jkollhomx jissodisfaw il-kriterji fir-rigward tal-valutazzjoni alternattiva***.
	Or. en

Emenda 201
Susana Solís Pérez, Esther Herranz García, Raúl de la Hoz Quintano, Pablo Arias Echeverría, Dolors Montserrat

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt	(20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponiment speċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt

mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal ***rotot speċifiċi*** ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). ***Għalhekk,*** tali sustanzi ***jenħtieġ li ma jkunux*** soġġetti ***għal projbizzjoni*** skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009***.*** ***Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġu sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi*** meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi ***u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa*** f'konformità ***mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009***.

mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni)***, u l-kundizzjonijiet reali tal-esponiment li jirriżultaw mill-użu tagħhom,*** u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal ***rotta*** ta' esponiment jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponiment. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza ***jew ta' kostitwent ta' sustanza kumplessa naturali*** tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali***, dment li valutazzjoni xjentifika ta' xenarji xjentifiċi tal-esponiment tikkonferma s-sikurezza tagħha***, peress li l-esponiment orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li mhuwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Tali sustanzi ***għadhom*** soġġetti ***għall-projbizzjoni*** skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi ***li jirrikjedu dik ir-rotta speċifikata tal-esponiment, iżda s-sikurezza tagħhom jenħtieġ li tiġi vvalutata*** f'konformità ***mal-proċedura għas-sustanzi CMR tal-kategorija 2, abbażi ta' evalwazzjoni xjentifika indipendenti mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur, u għalhekk ma jkollhomx jissodisfaw il-kriterji fir-rigward tal-valutazzjoni alternattiva***.

Or. en

Emenda 202
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta' sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tkun rilevanti biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tista' tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS jivvaluta l-impatt ta' tali kostitwent fuq is-sikurezza ta' sustanzi kumplessi naturali, jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	***imħassar***

Or. en

Emenda 203
Susana Solís Pérez, Esther Herranz García, Raúl de la Hoz Quintano, Pablo Arias Echeverría, Dolors Montserrat

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Spiss***, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta'*** sustanzi kumplessi naturali, ***pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn***, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tkun rilevanti biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***. ***Dan ifisser li s-sustanzi*** kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief ***jekk dik is-sustanza*** kumplessa naturali stess tkun ***elenkata*** bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tista' tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi*** naturali ***meta jintużaw*** fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna ***lill-SCCS*** jivvaluta ***l-impatt ta' tali kostitwent fuq is-sikurezza ta' sustanzi kumplessi*** naturali***, jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(21) ***L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jipprovdi regola speċifika għall-identifikazzjoni u l-eżami tal-informazzjoni disponibbli meta jiġu evalwati l-proprjetajiet perikoluż tas-sustanzi li fihom aktar minn kostitwent wieħed li jiġu estratti minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u li mhumiex modifikati kimikament kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Tali sustanzi, spiss imsemmija bħala*** sustanzi kumplessi naturali ***(NCS)***, ***jista' jkun fihom sustanza waħda jew aktar ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), filwaqt li s-sustanza kumplessa naturali ġenerali mhijiex fiha nnifisha kklassifikata bħala sustanza CMR. Livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur irid japplika għal tali sustanzi u jenħtieġ li jkun ibbażat fuq għarfien xjentifiku tal-kompożizzjoni tagħhom***, ***l-imġiba tagħhom kollha kemm hi, u l-kundizzjonijiet reali tal-esponiment li jirriżultaw mill-użu tagħhom fil-prodotti kożmetiċi.*** Il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tapplika għall-kostitwent ikkonċernat***. ***Is-sustanzi*** kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief ***meta s-sustanza kumplessa*** naturali stess tkun ***ikklassifikata*** bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 ***u tkun elenkata bħala tali*** fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***, abbażi ta' data relatata mas-sustanza kumplessa*** naturali ***stess, meta tkun disponibbli. Meta kostitwent ta' sustanza kumplessa naturali jkun ikklassifikat bħala sustanza CMR (kategoriji 1A, 1B jew 2), dan jista' jqajjem tħassib dwar l-użu sikur tiegħu*** fil-prodotti kożmetiċi***. F'każijiet bħal dawn***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna ***lill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur*** jivvaluta ***s-sikurezza tas-***

sustanza kumplessa naturali***, filwaqt li jqis ix-xenarji u r-rotot tal-esponiment rilevanti. Meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li tittieħed azzjoni regolatorja skont l-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 204
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta'*** sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tkun rilevanti*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Dan ifisser li s-sustanzi*** kumplessi naturali ***li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR*** mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta'*** kostitwent ***tista' tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi*** naturali ***meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tordna*** lill-SCCS jivvaluta ***l-impatt ta' tali kostitwent fuq is-sikurezza*** ta' ***sustanzi kumplessi naturali, jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri*** regolatorji ***xierqa*** f'konformità ***mal-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(21) ***L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jipprovdi regola speċifika għall-identifikazzjoni u l-eżami tal-informazzjoni disponibbli meta jiġu evalwati l-proprjetajiet perikoluż tas-sustanzi li fihom aktar minn kostitwent wieħed li jiġu estratti minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u li mhumiex modifikati kimikament kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Tali sustanzi, spiss imsejħa "***Sustanzi kumplessi naturali***", jew "NCS", jista' jkun fihom sustanza waħda jew aktar ikklassifikati bħala sustanzi CMR***, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn***, filwaqt li s-sustanza kumplessa naturali ġenerali mhijiex fiha nnifisha kklassifikata bħala sustanza CMR.*** Il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tapplika*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Sustanzi*** kumplessi naturali mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Meta***

kostitwent ***ta' Sustanza Kumplessa*** Naturali ***jiġi kklassifikat bħala CMR (kategoriji 1A, 1B jew 2), dan iqajjem tħassib dwar l-użu sikur tiegħu fil-prodotti kożmetiċi. F'każijiet bħal dawn***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***titlob b'mod sistematiku u fil-pront*** lill-SCCS jivvaluta ***s-sikurezza*** ta' ***tali kostitwenti u, meta jkun meħtieġ, tieħu miżuri*** regolatorji f'konformità ***mal-azzjoni skont l-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. ***Il-valutazzjoni tal-SCCS jenħtieġ li tkun f'waqtha biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-industrija.***

Or. en

Emenda 205
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta'*** sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tkun rilevanti*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent ***tista'*** tqajjem tħassib dwar ***is-sikurezza*** tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-	(21) ***L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jipprovdi regola speċifika għall-identifikazzjoni u l-eżami tal-informazzjoni disponibbli meta jiġu evalwati l-proprjetajiet perikolużi tas-sustanzi li fihom aktar minn kostitwent wieħed li jiġu estratti minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u li mhumiex modifikati kimikament kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Tali sustanzi, spiss imsejħa*** sustanzi kumplessi naturali***, jista' jkun fihom sustanza waħda jew aktar ikklassifikati bħala sustanzi CMR***, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tapplika*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru

prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS jivvaluta ***l-impatt ta' tali kostitwent fuq*** is-sikurezza ta' ***sustanzi kumplessi naturali, jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji*** xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tqajjem tħassib dwar ***l-użu u s-sikurezza*** tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS jivvaluta ***mingħajr dewmien*** is-sikurezza ta' ***tali kostitwenti u, meta jkun meħtieġ tieħu azzjoni regolatorja*** xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 206
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta'*** sustanzi kumplessi naturali***, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tkun rilevanti biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi*** kumplessi naturali ***li fihom*** kostitwent ***ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza*** kumplessa naturali ***stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija*** 1A, 1B jew 2 ***fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-***	(21) ***Is-sustanzi li fihom aktar minn kostitwent wieħed li huma estratti minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u li mhumiex modifikati kimikament kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jissejħu*** sustanzi kumplessi naturali***. Sustanzi kumplessi naturali jista' jkun fihom kostitwent wieħed jew aktar ikklassifikati bħala CMR. Filwaqt li taħlitiet ta' sustanzi huma kklassifikati bħala CMR meta jkun fihom sustanzi CMR 'il fuq minn ċerta konċentrazzjoni, is-sustanzi*** kumplessi naturali ***li jkun fihom kostitwenti ta' CMR huma eżentati minn tali klassifikazzjoni skont l-Artikolu 5(6) ta'dak ir-Regolament. Madankollu, meta*** kostitwent

klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tista' tqajjem tħassib dwar ***is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw*** fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tordna*** lill-SCCS jivvaluta ***l-impatt ta' tali kostitwent fuq is-sikurezza*** ta' sustanzi ***kumplessi naturali***, ***jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

ta' Sustanza Kumplessa Naturali ***jiġi kklassifikat bħala CMR (kategoriji*** 1A, 1B jew 2***), dan iqajjem*** tħassib dwar ***l-użu sikur tiegħu*** fil-prodotti kożmetiċi***. F'każijiet bħal dawn***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***titlob*** lill-SCCS jivvaluta ***s-sikurezza*** ta' ***tali*** sustanzi ***u, meta jkun meħtieġ, tieħu azzjoni regolatorja skont l-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sitwazzjoni legali għandha tiġi deskritta kif xieraq. F'każ li sustanza kumplessa naturali użata fil-kożmetiċi jkun fiha kostitwent li jiġi kklassifikat bħala CMR, il-Kummissjoni għandha tkun obbligata titlob opinjoni mill-SCCS dwar is-sikurezza tagħha. Jekk ma jinstabx li hija sikura, il-Kummissjoni għandha tieħu l-azzjoni regolatorja meħtieġa.

Emenda 207
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta' sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tkun rilevanti biss ***għas-sustanza*** kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tista' tqajjem***	Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta' sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tkun rilevanti biss ***għall-kostitwent(i) ta' tali sustanza,*** kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***, abbażi tad-data tas-sustanza kumplessa*** naturali ***nnifisha jekk tkun***

thassib dwar is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi naturali ***meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tordna*** lill-SCCS jivvaluta ***l-impatt ta' tali kostitwent fuq is-sikurezza ta' sustanzi kumplessi naturali, jekk iqum thassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	***teżisti. Meta kostitwent ta' sustanza kumplessa naturali jiġi kklassifikat bħala CMR (kategoriji 1A, 1B jew 2), dan iqajjem thassib dwar l-użu sikur tiegħu fil-kożmetiċi. F'każijiet bħal dawn***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***titlob b'mod sistematiku*** lill-SCCS jivvaluta ***tali kostitwenti u, meta jkun meħtieġ, tieħu azzjoni regolatorja skont l-Artikolu*** 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 208
Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Antonín Staněk, Virginie Joron

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Jeħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sustanzi naturali kumplessi, bħaż-żjut essenzjali u ż-żjut ta' oriġini veġetali, sabiex ma jiġix ippenalizzat b'mod sproporzjonat settur li huwa magħmul fil-biċċa l-kbira tiegħu minn SMEs u negozji tal-familja. Huwa meħtieġ approċċ miftuħ u proporzjonat, flimkien mal-istabbiliment ta' perjodi xierqa, biex jiġu ppreżervati dawn is-setturi tradizzjonali, tiġi appoġġata l-kompetittività tagħhom u jiġu promossi l-produzzjonijiet tagħhom abbażi tal-għarfien prattiku lokali.

Or. fr

Emenda 209
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ***sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom***, ***u*** jirtiraw ***mid-distribuzzjoni*** u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi*** ta' ***12-il*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa***. Sabiex il-manifatturi tal-prodotti kożmetiċi, fost l-oħrajn, ikunu jistgħu jiżguraw is-sustanzi alternattivi xierqa***, ***iwettqu testijiet bħala parti mill-proċess ta' riformulazzjoni u jipproċedu bil-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti finali u l-ittikkettar mill-ġdid u n-notifiki obbligatorji tagħhom, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodu ta' aġġustament xieraq. Matul dan il-perjodu, id-distributuri u l-bejjiegħa bl-imnut jibqgħu jirċievu prodotti kożmetiċi li jkun fihom is-sustanza soġġetta għal miżuri regolatorji. Għalhekk, jeħtieġu aktar żmien biex*** jirtiraw ***tali prodotti mill-katina tad-distribuzzjoni*** u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Dawn l-azzjonijiet iħallu impatt fuq l-arranġamenti kuntrattwali eżistenti u jirrikjedu sforzi loġistiċi sostanzjali. Għaldaqstant,*** jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu*** ta' ***24*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***48*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. ***Rapport aġġornat dwar is-Sikurezza tal-Prodott Kożmetiku (CPSR) irid jibqa' disponibbli l-ħin kollu.***

Or. en

Emenda 210
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ***sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom****, **u*** jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi ta' 12-il*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa***. Sabiex il-manifatturi tal-prodotti kożmetiċi, fost l-oħrajn, ikunu jistgħu jiżguraw is-sustanzi alternattivi xierqa***, ***iwettqu testijiet bħala parti mill-proċess ta' riformulazzjoni u jippproċedu bil-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti finali u l-ittikkettar mill-ġdid u n-notifiki obbligatorji tagħhom, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodu ta' aġġustament xieraq. Matul dan il-perjodu, id-distributuri u l-bejjiegħa bl-imnut jibqgħu jirċievu prodotti kożmetiċi li jkun fihom is-sustanza soġġetta għal miżuri regolatorji. Għalhekk, jeħtieġu aktar żmien biex*** jirtiraw ***tali prodotti mill-katina tad-distribuzzjoni*** u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Dawn l-azzjonijiet iħallu impatt fuq l-arranġamenti kuntrattwali eżistenti u jirrikjedu sforzi loġistiċi sostanzjali. Għaldaqstant,*** jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu*** ta' ***24*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***48*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under the CPR, the absence of formal transitional periods following a ban or restriction leads to the immediate withdrawal of products from the market, even where they are demonstrably safe, resulting in unnecessary waste and economic loss. The Omnibus proposal therefore rightly introduces transitional arrangements. These should be set at 24 months for placing on the market and 48 months for making available, where a valid Cosmetic Product Safety Report (CPSR) exists, allowing sufficient time for reformulation without compromising consumer safety. Urgent risks would continue to be addressed through existing emergency procedures, while limited flexibility to grant longer periods in duly justified, technically complex cases would further enhance legal certainty and prevent avoidable market

disruption.

Emenda 211
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ***sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u*** jirtiraw ***mid-distribuzzjoni*** u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi*** ta' ***12-il xahar*** għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi ***minħabba thassib dwar is-sikurezza, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jirtiraw il-prodotti kkonċernati minnufih. Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi minħabba l-eżistenza ta' alternattivi xierqa***, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa***. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, huwa ġġustifikat li jingħata żmien addizzjonali biex*** jirtiraw ***tali prodotti mill-katina tad-distribuzzjoni*** u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, ***f'każ li tkun teżisti alternattiva xierqa,*** jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu*** ta' 6 xhur għat-tqegħid fis-suq u ta' ***12-il*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn żewġ każijiet differenti li jistgħu jikkonfermaw il-projbizzjoni tas-sustanzi CMR fil-kożmetiċi: in-nuqqas ta' sikurezza jew l-eżistenza ta' alternattiva xierqa. Fil-każ ta' problemi ta' sikurezza, il-prodotti għandhom jiġu rtirati mis-suq minnufih. Ikun irresponsabbli li jiġi permess li t-tqegħid fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li mhumiex sikuri minħabba li fihom sustanza CMR ikompli għal sena oħra, u l-bejgħ għal sena oħra wara dan. Perjodu ta' konċessjoni jista' jingħata biss fil-każ tal-eżistenza ta'

alternattiva xierqa. Perjodu ta' konċessjoni ta' 6 xhur/12-il xahar huwa biżżejjed.

Emenda 212
Silvia Sardone, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Roberto Vannacci

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***12-il*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***24*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***48*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 213
Raúl de la Hoz Quintano, Dolors Montserrat, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Pablo Arias Echeverría

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u

jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***12-il*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***24*** xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' ***48*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 214
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi*** ta' ***12-il xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' 24 xahar*** għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu*** ta' ***6 xhur*** għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 215
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ***jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u*** jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi ta' 12-il xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' 24 xahar*** għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien***, wara li jippreżentaw it-talba tagħhom għal deroga,*** biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu ta' 6 xhur*** għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' tranżizzjoni limitat għandu jiġi pprovduti lill-operaturi ekonomiċi wara l-klassifikazzjoni tas-sustanzi CMR fil-prodotti kożmetiċi eżistenti sabiex jinkiseb l-irtirar ordnat tagħhom mis-suq. Madankollu, l-ebda prodott ġdid ma għandu jitħalla fis-suq wara l-klassifikazzjoni tas-CMR biex jiġu pprevenuti intrappolamenti u investimenti li ma jrendux u biex jiġu protetti ċ-ċittadini, inklużi t-tfal u gruppi vulnerabbli oħra.

Emenda 216
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u

l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġu pprovduti perjodi*** ta' 12-il ***xahar għat-tqegħid fis-suq u ta' 24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut perjodu massimu*** ta' 12-il xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Or. en

Emenda 217
Idoia Mendia, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) huma familja kbira ta' aktar minn 10 000 sustanza kimika magħmula mill-bniedem. Il-PFAS intużaw f'firxa dejjem aktar wiesgħa ta' prodotti, inklużi prodotti għall-konsumatur. Minħabba l-istabbiltà eċċezzjonali, il-proprjetajiet repellenti tal-ilma, u l-kapaċitajiet li jifformaw rita tagħhom, il-PFAS intużaw fi prodotti kożmetiċi bħala emulsjonanti, stabilizzaturi u aġenti li jiffurmaw rita, b'mod partikolari f'foundations li jintużaw fit-tul, maskaras reżistenti għall-ilma, prodotti għall-issettjar tax-xagħar u prodotti ta' protezzjoni kontra x-xemx. L-evidenza xjentifika wriet li l-esponiment għall-PFAS joħloq riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, inklużi effetti karċinoġeniċi potenzjali, ħsara fil-fwied,

trażżin tas-sistema immunitarja, disfunzjoni tat-tirojde u problemi fl-iżvilupp fit-tfal. L-istudji indikaw li anke esponiment ta' livell baxx jista' jirriżulta f'eżiti avversi għas-saħħa, bi tħassib partikolari għal popolazzjonijiet vulnerabbli. Filwaqt li xi sustanzi PFAS individwali huma diġà pprojbiti fi prodotti kożmetiċi skont l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 minħabba l-klassifikazzjoni tagħhom bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), jew wara valutazzjonijiet tas-sikurezza li juru riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, ir-regolamentazzjoni frammentata ta' sustanzi PFAS individwali mhijiex biżżejjed biex tindirizza r-riskji maħluqa minn dan il-grupp kbir ta' sustanzi kimiċi strutturalment relatati. Barra minn hekk, l-evidenza turi li diġà jeżistu alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli għall-PFAS fl-applikazzjonijiet kożmetiċi u li dawn huma diġà disponibbli fis-suq, inklużi komposti bbażati fuq is-siliċju, polimeri bijodegradabbli u xama' naturali. L-industrija tal-kożmetiċi fformulat b'suċċess prodotti mingħajr ma żiedet b'mod intenzjonali l-PFAS, li wera li sostituti vijabbli jistgħu jżommu l-prestazzjoni u l-kwalità tal-prodott. Huwa meħtieġ approċċ armonizzat għall-Unjoni kollha biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi, tiġi pprevenuta l-frammentazzjoni tas-suq, u tiġi pprovduta protezzjoni konsistenti għall-konsumaturi kollha tal-Unjoni. Għalhekk hija meħtieġa projbizzjoni komprensiva tal-PFAS fil-prodott kożmetiċi bħala l-aktar opzjoni regolatorja effettiva biex jiġu minimizzati l-esponiment uman u l-kontaminazzjoni ambjentali minn dan is-sors.

Or. en

Emenda 218
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Pascal Canfin, Grégory Allione, Gerben-Jan Gerbrandy, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) huma familja kbira ta' aktar minn 10 000 sustanza kimika magħmula mill-bniedem. Il-PFAS intużaw f'firxa dejjem aktar wiesgħa ta' prodotti, inklużi prodotti għall-konsumatur. Thassib ewlieni huwa l-persistenza tal-PFAS kollha li jwassal għal konċentrazzjonijiet ambjentali dejjem akbar. L-esponiment għall-aktar PFAS studjati ġie assoċjat ma' firxa ta' effetti avversi fuq is-saħħa. Jenħtieġ li jiġi pprojbit l-użu intenzjonali tal-PFAS fil-kożmetiċi u l-ingredjenti tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi PFAS, eż. PFHxA u sustanzi relatati ma' PFHxA huma diġà pprojbiti fil-kożmetiċi. Il-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-intenzjoni tagħha li tipprojbixxi l-PFAS kollha fil-kożmetiċi, bħal fil-każ tal-ġugarelli. Franza, fin-nuqqas ta' miżura għall-UE kollha, ipprojbiet prodotti kożmetiċi li fihom l-PFAS kollha miżjuda b'mod intenzjonali minn Jannar 2026 (b'perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar għal prodotti mqiegħda fis-suq qabel din id-data). Sabiex jiġu pprevenuti l-ostakli fis-suq intern għall-industrija tal-kożmetiċi u l-istandards doppji fil-protezzjoni, u biex jiġi żgurat li s-CPR ma jkollux jerġa' jinfetaħ malajr, il-projbizzjoni tal-PFAS hija diġà riflessa f'din il-proposta.

Emenda 219
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) huma familja

kbira ta' aktar minn 10 000 sustanza kimika magħmula mill-bniedem. Il-PFAS intużaw f'firxa dejjem aktar wiesgħa ta' prodotti, inklużi prodotti kożmetiċi. Tħassib ewlieni huwa l-persistenza tal-PFAS kollha li jwassal għal konċentrazzjonijiet ambjentali dejjem akbar. Madankollu, l-esponiment għall-aktar PFAS studjati ġie assoċjat ukoll ma' firxa ta' effetti avversi fuq is-saħħa. L-użu tal-PFAS fil-kożmetiċi jenħtieġ li jiġi pprojbit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

PFAS are banned in France in cosmetics since January 2026. In 2025, the EU banned PFAS in toys. In 2024, the EU banned PFAS in food contact packaging. In 2023, four Member States and Norway proposed a universal restriction of PFAS, including for cosmetics. They made a clear case for prohibting PFAS in cosmetics. About 1% of cosmetic products contain PFAS. An analysis of the market share of PFAS-containing products showed that most occurred in the product category decorative cosmetics (3.7%), followed by skin care, hair care and toiletries (0.78, 0.65 and 0.27% respectively). There is sufficiently strong evidence that technically and economically feasible alternatives exist. There is no evidence of a shortage in supply of alternatives. The costs of a restriction within 18 months are assessed to be low. They proposed a restriction applicable within 18 months after entry into force.In October 2024, EVP Séjourné committed the following in his written responses to the European Parliament: "I will seek to ban the use of PFAS in consumer uses, like cosmetics, food contact materials and outdoor clothing." However, in the meantime, the Commission has made clear that it will not take any action until ECHA's scientific committees have given their opinion. Their opinions are expected for the end of 2026. So it will take at least until mid-2027 before the Commission will take any restrictive action against PFAS in cosmetics. Given the clear case for a restriction already made three years ago, we cannot afford to wait any longer. We should seize the opportunity of the chemical omnibus to also improve protection of human health and the environment. A ban of PFAS in cosmetics should be applicable within 18 months. As co-legislator we are entitled to adopt such a ban, there is no need to wait for ECHA's opinions as confirmed in the judgment by the ECJ in Case T 745/20.

Emenda 220
Sigrid Friis, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(22a) L-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà appellat għas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-qafas legali dwar is-sustanzi kimiċi. B'mod partikolari, l-istrateġija timpenja ruħha li ssaħħaħ ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi fir-rigward tar-riskji minn sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali u minn effetti ta' kontaminazzjoni possibbli ta' sustanzi kimiċi.

Or. en

Emenda 221
Sigrid Friis, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) Minħabba r-rwol essenzjali tas-sistema endokrinali tul l-iżvilupp tal-bniedem, l-esponiment għas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali jista' jwassal għal effetti avversi fuq is-saħħa anke f'dożi baxxi ħafna. Għalhekk, jenħtieġ li s-sustanzi kimiċi li jaffettwaw is-sistema endokrinali jiġu indirizzati b'mod speċifiku fil-prodotti kożmetiċi. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu simplifikati u msaħħa r-rekwiżiti għal tali sustanzi billi jiġi estiż l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għal sustanzi kklassifikati bħala sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem, kategorija 1 u 2, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Or. en

Emenda 222
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali. Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali, jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet kompetenti fejn it-tħassib dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari	***imħassar***

Or. en

Emenda 223
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti	(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti

kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali. ***Sabiex tinżamm*** il-viġilanza fuq in-nanomaterjali***, jenħtieġ li jkun meħtieġ*** li l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku ***sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet*** kompetenti fejn ***it-tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari	kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali. Il-viġilanza fuq in-nanomaterjali ***hija żgurata permezz tar-rekwiżiti eżistenti*** li l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta ***fin-notifika tal-Portal ta' Notifika tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP) u*** fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku ***li huma t-tnejn aċċessibbli għall-awtoritajiet*** kompetenti fejn ***tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari***; dawn jistgħu jiġu indirizzati b'mod xieraq bil-proċess ta' restrizzjoni għall-ingredjenti stabbiliti skont dan ir-Regolament, meta jkun meħtieġ wara l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 32(4) ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta biex jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi dwar in-nanomaterjali fl-Anness I, il-Parti A, il-punt 2 tas-CPR toħloq duplikazzjoni mhux meħtieġa u piżijiet amministrattivi addizzjonali. L-istess informazzjoni hija diġà mitluba skont dispożizzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari l-Artikolu 13 u partijiet rilevanti oħra tal-Anness I tar-Rapport dwar is-Sikurezza tal-Prodott Kożmetiku (CPSR). It-tneħħija ta' dawn id-dispożizzjonijiet tevita dokumentazzjoni żejda u tnaqqas il-kostijiet mingħajr ma tikkomprommetti s-sikurezza, peress li mekkaniżmi robusti għall-valutazzjoni tan-nanomaterjali jibqgħu stabbiliti band'oħra fis-CPR.

Emenda 224
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li ***tkun*** meħtieġa ***notifika waħda***	(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, ***in-notifiki tal-prodotti kożmetiċi*** jenħtieġ li

biss ***tal-prodotti kożmetiċi*** qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. ***Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali.*** Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali, ***jenħtieġ li jkun meħtieġ li*** l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta ***fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet kompetenti fejn it-tħassib dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari***

jkunu meħtieġa biss qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali, l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku ***jenħtieġ li tkompli*** tiġi pprovduta ***mill-persuni responsabbli permezz tal-proċess eżistenti qabel mal-prodott jitqiegħed fis-suq.***

Or. en

Emenda 225
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. ***Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali.*** Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali, jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet	(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali ***fil-prodotti kożmetiċi***, jenħtieġ li ***jkun meħtieġ li din in-notifika tinkludi informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali kkonċernati li għandha tiġi pprovduta mill-persuni responsabbli permezz tal-proċess eżistenti qabel mal-prodott jitqiegħed fis-suq. Dan huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tintalab valutazzjoni tas-sikurezza mill-Kummissjoni fil-każ ta' tħassib. Jenħtieġ li*** jkun meħtieġ ***ukoll*** li l-informazzjoni

kompetenti fejn ***it-tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari	speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet kompetenti fejn ***tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari ***fi prodotti kożmetiċi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Safety of cosmetic products is top priority. Nanomaterials in cosmetics raise potential safety concerns. Both the Commission and Member States should be able to address any such safety concerns. It is therefore necessary to maintain the existing notification of specific risk information with regard to nanomaterials to the Commission. Including it in the general notification means that the notification is delayed by six months compared to current law, but this could be accepted with a view to simplify procedures while maintaining responsibility of the Commission to act in case of concerns. At the same time, it makes sense to include this information also in the cosmetic product report, so that it is also available to Member States.

Emenda 226
Pietro Fiocchi, Antonella Sberna

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-kożmetiċi huma oġġetti nnegozjati globalment. Għalhekk huwa ***importanti*** li l-ismijiet tal-ingredjenti preżenti fuq it-tikketti tagħhom jirriflettu l-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. L-użu ta' ***ismijiet*** tal-ingredjenti ***tal-kożmetiċi rikonoxxuti internazzjonalment*** huwa fattur importanti li jippromwovi t-trasparenza u jiffaċilita l-kummerċ transfruntier fil-kożmetiċi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' ismijiet rikonoxxuti internazzjonalment fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi mingħajr ebda azzjoni regolatorja addizzjonali mill-Kummissjoni. Peress li glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti	(25) Il-kożmetiċi huma oġġetti nnegozjati globalment ***u*** għalhekk huwa ***essenzjali*** li l-ismijiet tal-ingredjenti preżenti fuq it-tikketti tagħhom jirriflettu l-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku ***b'mod f'waqtu***. L-użu ta' ***nomenklatura rikonoxxuta internazzjonalment, bħall-ismijiet tan-Nomenklatura Internazzjonali*** tal-Ingredjenti ***Kożmetiċi (INCI)*** huwa fattur importanti li jippromwovi t-trasparenza ***tal-Ingredjenti għall-konsumaturi, jiżgura l-konsistenza fil-ġuriżdizzjonijiet kollha,*** u jiffaċilita l-kummerċ transfruntier fil-kożmetiċi. ***L-ismijiet tal-INCI jinżammu mill-Kunsill tal-Prodotti għall-Kura***

adottat mill-Kummissjoni jdewwem il-proċess tal-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta tali glossarju jenħtieġ li titneħħa.	***Personali (PCPC) bħala standard internazzjonali tal-industrija u huma rikonoxxuti b'mod wiesa' mir-regolaturi u mill-partijiet ikkonċernati madwar id-dinja.*** Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ***dirett tan-nomenkatura*** ta' ismijiet rikonoxxuti internazzjonalment***, bħall-INCI,*** fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi mingħajr ebda azzjoni regolatorja ***ulterjuri*** addizzjonali mill-Kummissjoni***. Meta isem ta' ingredjent komuni ma jkunx disponibbli fl-INCI, jenħtieġ li tintuża nomenklatura oħra aċċettata b'mod ġenerali, pereżempju ismijiet stabbiliti f'referenzi kimiċi jew tal-farmakopea rikonoxxuti internazzjonalment, jew f'sorsi awtorevoli oħra li fuqhom jibbażaw b'mod komuni l-industrija u r-regolaturi. Dan l-approċċ jiżgura l-flessibbiltà, jevita piż amministrattiv bla bżonn u jiggarantixxi li l-ismijiet tal-ingredjenti użati fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi jibqgħu aġġornati, internazzjonalment koerenti u jinftiehmu faċilment mill-konsumaturi***. Peress li glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti adottat mill-Kummissjoni jdewwem il-proċess tal-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta tali glossarju jenħtieġ li titneħħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi t-tħassir tal-Artikolu 33 u l-emendar tal-Artikolu 19 biex tibbaża fuq nomenklatura rikonoxxuta internazzjonalment għall-ittikkettar tal-kożmetiċi, filwaqt li tiġi sostitwita l-lista eżistenti tat-terminoloġija. Madankollu, ma tispeċifikax liema nomenklatura għandha tapplika. Għalhekk, il-proposta għandha tiġi kkomplementata, bħal fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill (Premessa 25), billi jiġi ċċarat li din tirreferi għan-Nomenklatura Internazzjonali tal-Ingredjenti Kożmetiċi (INCI).

Emenda 227
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-operaturi kollha li jqiegħdu prodotti kożmetiċi fis-suq tal-Unjoni, kemm offline kif ukoll online, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal obbligi ekwivalenti u infurzar effettiv. Dan huwa partikolarment importanti meta jitqies il-bejgħ dejjem jiżdied ta' kożmetiċi permezz tas-swieq online, inklużi l-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għall-istess rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza. Għalhekk, huwa meħtieġ li jintalab li l-informazzjoni dwar l-ittikkettar imsemmija fl-Artikolu 19 tiġi indikata b'mod ċar u viżibbli fil-każ tal-bejgħ mill-bogħod, inkluż permezz tas-swieq online. Dan ir-rekwiżit se jissimplifika l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u b'hekk jikkontribwixxi għal kompetizzjoni ġusta u livelli għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, jenħtieġ li tissaħħaħ is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, b'mod partikolari għall-bejgħ online u l-importazzjonijiet, u l-prodotti kożmetiċi identifikati bħala mhux konformi permezz tas-sistema ta' twissija rapida tal-Unjoni (Safety Gate) jenħtieġ li ma jiġux elenkati jew offruti għall-bejgħ. Għal dan il-għan, il-pjattaformi online jenħtieġ li jivverifikaw l-identità tal-persuna responsabbli qabel ma jippermettu li l-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, u l-bejgħ online, l-offerta għall-bejgħ u l-promozzjoni, inkluż permezz tal-media soċjali, tal-kożmetiċi pprojbiti, b'mod partikolari l-prodotti miżjuda bil-merkurju, jenħtieġ li jiġu pprojbiti b'mod espliċitu.

Or. en

Emenda 228
Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet*** diġitali***,*** l-operaturi ekonomiċi ***li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 ***jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu jintlaħqu permezz tiegħu, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika***. ***Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.***	(26) ***Jenħtieġ li s-soluzzjonijiet*** diġitali ***għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jibqgħu volontarji u ma jaffettwawx in-natura tad-dikjarazzjoni bħala dokument ta' konformità intern; dawn għandhom isiru disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u*** l-operaturi ekonomiċi ***rilevanti, fuq talba*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009.

Or. nl

Emenda 229
Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu ***jintlaħqu*** permezz tiegħu, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.	(26) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu ***jiġu kkuntattjati mill-utenti u mill-awtoritajiet kompetenti*** permezz tiegħu ***sabiex iwieġbu kwalunkwe mistoqsija mingħandhom***, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.

Or. en

Emenda 230
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu jintlaħqu permezz tiegħu, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.	(26) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu jintlaħqu permezz tiegħu, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika ***b'mod mgħaġġel u mingħajr dewmien żejjed***. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati***, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-EFSA*** u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-

Prodotti.

Or. en

Emenda 231
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani, Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Filwaqt li s-simplifikazzjoni għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tista' tiffaċilita l-aċċess għas-suq mill-kummerċjanti tal-fertilizzanti, li jagħmilha aktar faċli biex l-operaturi jidħlu fis-suq tal-UE u joperaw lil hinn mis-swieq nazzjonali għall-benefiċċju tas-Suq Uniku, jenħtieġ li din ma timminax livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, tas-saħħa u tal-ambjent jew il-ġestjoni tar-riskju. L-iffaċilitar ta' rekwiżiti speċifiċi għas-settur għall-prodotti fertilizzanti jista' jżid ir-riskju li jidħlu fis-suq sustanzi kimiċi soġġetti għal livelli aktar baxxi ta' kontroll, li jqajjem tħassib dwar it-traċċabbiltà, is-sikurezza u l-impatti fuq ir-reputazzjoni. It-trasferiment tal-obbligi lura għall-qafas ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament REACH, jista' joħloq inċertezza fir-rigward tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni, in-notifika u l-ittikkettar, u jagħmilha essenzjali li jiġi żgurat l-allinjament kontinwu mal-leġiżlazzjoni orizzontali dwar is-sustanzi kimiċi, l-ambjent u s-sikurezza.

Or. en

Emenda 232

Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Antonín Staněk, Virginie Joron

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-fertilizzanti koperti mir-Regolament (UE) 2019/1009 jirrappreżentaw parti importanti mill-kostijiet tal-produzzjoni agrikola u għandhom impatt dirett fuq id-dħul u l-kompetittività tal-bdiewa. Iż-żieda fil-pożijiet regolatorji u amministrattivi imposti fuq il-produtturi għandha riperkussjonijiet tul il-katina ta' provvista, billi żżid il-kostijiet għall-bdiewa u twessa' l-lakuna bejn il-kostijiet tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni u dawk f'pajjiżi terzi. Għalhekk, kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li tagħti prijorità lis-simplifikazzjoni regolatorja għall-produtturi tal-fertilizzanti tal-UE, b'benefiċċji diretti għall-bdiewa tal-UE.

Or. fr

Emenda 233
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-Parlament Ewropew talab lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex ma jagħtux privattivi fuq materjal bijoloġiku. Għalhekk, il-proċessi li huma essenzjalment bijoloġiċi, kif ukoll l-ispeċijiet jew l-organiżmi, inklużi l-mikroorganiżmi, partijiet minnhom, l-informazzjoni ġenetika u l-karatteristiċi tal-proċess inklużi fihom jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar il-

privattivi.

Or. en

Emenda 234
Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Valérie Deloge, Antonín Staněk, Virginie Joron

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, il-mikroorganiżmi elenkati f'lista pożittiva fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biss jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda ma' dik il-lista wara valutazzjoni li tikkonkludi li l-ebda waħda mill-varjanti ma tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u li tiżgura l-effiċjenza agronomika. Minħabba l-għadd kbir ta' mikroorganiżmi fis-suq, il-valutazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti ta' mikroorganiżmi jew ta' varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda fil-lista pożittiva għadhom lura meta mqabbla mal-progress xjentifiku. Il-mekkaniżmu attwali jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti u jittardja l-aċċess tal-bdiewa għal dawk il-prodotti fertilizzanti innovattivi ***li jistgħu jistimulaw il-proċessi tan-nutrizzjoni tal-pjanti u b'hekk inaqqsu*** l-użu ta' fertilizzanti tradizzjonali.	(27) Skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, il-mikroorganiżmi elenkati f'lista pożittiva fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biss jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda ma' dik il-lista wara valutazzjoni li tikkonkludi li l-ebda waħda mill-varjanti ma tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u li tiżgura l-effiċjenza agronomika. Minħabba l-għadd kbir ta' mikroorganiżmi fis-suq, il-valutazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti ta' mikroorganiżmi jew ta' varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda fil-lista pożittiva għadhom lura meta mqabbla mal-progress xjentifiku. Il-mekkaniżmu attwali jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti u jittardja l-aċċess tal-bdiewa għal dawk il-prodotti fertilizzanti innovattivi**.** L-użu ta' fertilizzanti tradizzjonali ***jenħtieġ li jibqa' għażla vijabbli u aċċessibbli sabiex ma jiġux affettwati l-kompetittività u l-produzzjoni fl-UE***.

Or. fr

Emenda 235
Idoia Mendia, Kristian Vigenin, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Adnan Dibrani,

Sakis Arnaoutoglou, César Luena, Christophe Clergeau, Tiemo Wölken, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ***twettaq*** konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati***, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, l-EFSA u l-JRC,*** juru u jivverifikaw ***bir-reqqa*** li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. ***Din il-valutazzjoni tirrikjedi l-indipendenza, l-oġġettività, l-imparzjalità, l-integrità professjonali u l-għarfien espert speċifiku li għalihom il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jkollhom bżonn jiġu akkreditati u notifikati b'mod speċifiku. Il-korpi nazzjonali responsabbli għall-akkreditazzjoni u n-notifika jenħtieġ li jivverifikaw b'attenzjoni l-kompetenza teknika u xjentifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità fil-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stretti għall-korpi notifikati stabbiliti mir-Regolament, inklużi l-indipendenza, l-oġġettività, l-imparzjalità u l-integrità professjonali.***

	Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ***tistieden lill-EFSA u lill-JRC bħala korpi xjentifiċi indipendenti jirrieżaminaw, jikkontribwixxu u jwettqu*** konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj .	[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.
	Or. en

Emenda 236
Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC,	(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC,

component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti***, u li*** dawk il-konsultazzjonijiet ***isiru*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[13]***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi ***jiddokumentaw u juru l-konformità*** u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. ***Il-verifika tal-konformità tal-mikroorganiżmi mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti skont dan ir-Regolament se tirrikjedi kompetenzi u għarfien tekniku speċifiċi mill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, u għalhekk tirrikjedi l-akkreditazzjoni u n-notifika f'konformità mar-Regolament (UE) 756/2008. Għalhekk, dawk il-kompetenzi, kif ukoll l-aspetti bħall-indipendenza, l-oġġettività, l-imparzjalità u l-integrità professjonali jenħtieġ li jiġu skrutinizzati mill-korpi nazzjonali inkarigati mill-akkreditazzjoni u n-notifika.*** Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ***tinvolvi lill-korpi xjentifiċi u indipendenti rilevanti, b'mod partikolari lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u lill-ECHA, fil-ħidma preparatorja tagħha u anke*** twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti***.*** Dawk il-konsultazzjonijiet ***jenħtieġ li jsiru*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

tħejjija ta' atti delegati.

---

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Emenda 237
Salvatore De Meo, Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta'	(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi ***filwaqt li tqis l-istudji tekniċi kkuntrattati mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' dan ir-Regolament***. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li ***jiddefinixxu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data għar-rapporti dwar it-testijiet u l-istudji dwar il-mikroorganiżmi u*** jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija

April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. ***Dan l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jikkomplementa l-approċċ eżistenti bbażat fuq l-elenkar għall-mikroorganiżmi skont is-CMC 7 tal-Anness II, u jkun mingħajr preġudizzju għalih.***

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj .

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Emenda 238
Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC,	(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC,

component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. ***Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u implimentazzjoni effettiva, il-proċedura bbażata fuq il-kriterji għall-valutazzjoni ta' materjali ġodda jenħtieġ li titwettaq permezz tad-delega tas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009.***

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. nl

Emenda 239
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa ***tul il-ħidma preparatorja tagħha***, ***anke fil-livell tal-esperti***, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi ***u għall-iżgurar ta' kriterji minimi komuni madwar l-UE***. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa***, flimkien ma' korp xjentifiku bħall-EFSA jew il-JRC***, ***u li għalihom huma mistiedna wkoll esperti, matul il-ħidma preparatorja tagħha***, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

tħejjija ta’ atti delegati.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. ro

Emenda 240
Per Clausen, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
